MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2004

Numru 4/1999

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Aimen Said Giali El Baden**

**Il-Qorti**:

Rat is-sentenza moghtija fl-14 ta' Mejju 2002 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti,

Rat il-verdett tal-gurati li bih unanimament sabu lil Aimen Said Giali El Baden hati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza; unanimament sabu lil Aimen Said Giali El Baden mhux hati skond it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza izda hati biss ta' serq kwalifikat bil-hin, u unanimament sabu hati lil Aimen Said Giali El Baden tal-Akkuza taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjara lil Aimen Said Giali El Baden hati talli :

Fl-4 ta' Frar, 1998, fil-Gzira sar hati ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, ikkaguna il-mewt ta' Alfie Rizzo, issibu mhux hati li fl-istess jum u post ikkommetta serq kwalifikat bil-hin, post u vjolenza, izda biss hati ta' serq ta' oggetti u flus li jiswew inqas minn mitt lira izda aktar minn ghaxar liri, liema serq hu kwalifikat bil-hin u ssibu wkoll hati li kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Semghet fl-udjenza tal-lum it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat Difensur Dottor Joseph Mifsud ghall-hati u s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni maghmula mill-Assistent Avukat Generali tar-Repubblika Dottor Anthony Barbara, li talab il-piena massima;

Semghet lill-membru tal-familja tal-vittma Ronald Scerri;

Hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment li fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati il-hati ma kienx ghadu ghalaq l-eta` ta' tmintax il-sena, ghax kellu biss sbatax il-sena u tlett xhur maghluqa;

Rat li l-verdett ta' htija tal-gurati kien unanimu;

Rat il-fedina penali netta tal-hati;

Qieset ic-cirkostanzi kollha u l-gravita' tal-kaz;

Rat li skond l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali, il-piena applikabbli ghal reat kommess minn persuna li tkun

ghalqet l-erbatax il-sena izda ma jkollux tmintax il-sena, ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn;

Rat l-artikoli 211 (1) (2) u 533, u l-artikoli 261 (f), 270 u 281 (a) u l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 13 (1) u 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll l-Art. 17, 31 u 32 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-hati Aimen Said Giali El Baden ghall-piena komplessiva ta’ hamsa u ghoxrin sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kollu li l-hati qatta’ arrestat in konnessjoni ma’ dan il-kaz u tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ elf mija u tmienja u disghin lira Maltin u sbatax il-centezimu (Lm1198.17c) rapprezentati nofs (1/2) l-ispejjes kollha tal-perizji inkorsi tul il-kompilazzjoni li hu ghadda flimkien ma’ ko-akkuzat iehor, u dana bl-applikazzjoni tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali, u dana fi zmien xahrejn mill-lum."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzatipprezenta rikors ta' appell fit-3 ta' Gunju 2002 li bih talab li din il-Qorti tirriforma l-verdett tal-gurati u s-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi fl-ewwel lok tikkonferma l-verdett tal-gurati ta' htija u s-sentenza ta' htija ghar-rigward tat-Tieni u tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza; fit-tieni lok tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk thassar il-verdett u sentenza ta' htija ghar-rigward tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u minnu tilliberah; u fi kwalsiasi kaz tissostitwixxi l-piena ta' hamsa u ghoxrin sena prigunerija inflitta fuq l-appellant b'piena ohra li tkun taghmel aktar ghac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta' appell jirrizulta li l-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

"1. Illi l-Onorevoli Mhallef illi ppresjieda l-guri, fl-indirizz tieghu ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Ewwel Kap tal-Att tal-akkuza, fl-ewwel lok ta direttivi zbaljati fuq punti ta' dritt illi kienu ta' portata tali illi setghu wasslu ghal amministrazzjoni hazina tal-gustizzja; u fit-tieni lok minflok ma l-Onorevoli Mhallef illimita ruhu sabiex gabar fil-qosor bil-mod kif jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li kienu marbuta maghhom kif jistabilixxi l-artiklu 465 tal-Kodici Kriminali, ta lill-gurati b'mod estensiv l-opinjoni tieghu dwar il-fatti b'mod illi setgha nfluenza negattivament lill-gurati kontra l-esponent u dan b'mod illi setgha wassal ghal amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

2. Il-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex setghu jsibu htija taht l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

3. Illi, fi kwalsiasi kaz, il-piena nflitta fuq l-esponent hija wahda gravuza ferm."

Ghall-ahjar istruzzjoni ta' din is-sentenza, il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li jigu trattati l-aggravji ta' l-appellant fl-istess ordni li nghataw fir-rikors ta' appell. Konsegwentement, din il-Qorti ser tibda l-ewwel billi tikkunsidra l-allegati nuqqasijiet li skond l-appellant setghu waslu ghal amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

(1a) Skond l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju, l-appellant ighid li meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega lill-gurati l-kundizzjonijiet marbuta mal-iskuzanti taht l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali ta direttiva zbaljata bhala punt ta' dritt fis-sens illi anke meta ma jkunx kaz ta' provokazzjoni, it-test li jrid jigi adottat ghandu jkun dak oggettiv u mhux dak soggettiv. U jkompli jghid:

"Dan ifisser li l-Onorevoli Mhallef ma ghamel l-ebda distinzjoni bejn meta l-passjoni instantaneja jew l-agitazzjoni tal-mohh ikunu r-rizultat ta' provokazzjoni u meta xi wahda minn dawn tissucciedi minhabba ragunijiet ohra. Fil-fatt l-Onorevoli Mhallef indirizza lill-gurati fuq dan il-punt beda biex qal hekk, 'jigifieri trid tkun tali illi f'nies ta' temperament ordinarju, mhux dak li qisu baqqu ma

jitharrek qatt, taghmillu x'taghmillu jibqa' jidhaqlek, u lanqas l-iehor illi mal-icken temperament jaqleb kull ma hawn, li ghandi nispera li huma l-maggoranza tal-bnedmin li hawn fil-pajjiz u fid-dinja, dawn iridu jkunu anke lil dawn in-nies, dawn tohloq fihom din ir-reazzjoni tali b'dan il-mod kif irreagixxa l-akkuzat', U fil-fatt l-indirizz tkompla fuq din il-linja. Din, fl-umli opinjoni tal-esponent, tammonta ghal direttiva ta' portata tali illi setghet wasslet ghal amministrazzjoni hazina tal-gustizzja u dan ghaliex skond il-gurisprudenza nostrali hemm differenza bejn meta l-passjoni instantaneja  jew l-agitazzjoni tal-mohh jigru bhala rizultat ta' provokazzjoni jew minhabba f'ragunijiet ohra".

Huwa pacifiku li l-artikolu 227(c) kien jippostula zewg sitwazzjonijiet: l-ewwel sitwazzjoni hija dik ta' agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantaneja kagunata minn xi haga interna u minghajr necessarjament sitwazzjoni ta' provokazzjoni gejja mill-estern, ossia minn xi hadd iehor; it-tieni sitwazzjoni, li ghaliha japplika paragrafu separat taht l-istess artikolu 227(c), hi dik meta l-agitazzjoni tal-mohh jew il-passjoni istantaneja tkun kagun tal-provokazzjoni ta' haddiehor.

Din il-Qorti qed tghid "kien" peress li bis-sahha ta' l-artikolu 41 ta' l-Att numru III tas-sena 2002, dan il-paragrafu gie emendat billi thassru l-kliem "fil-kazijiet ta' provokazzjoni". Difatti qabel is-sinifikat ta' dan il-paragrafu kien kif deskritt fil-kawza citata mill-appellant **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea** deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1986 fejn intqal:

**"Minn ezami ta' l-imsemmi artikolu 241(c), u fuq l-iskorta ta' dak li gie premess, ghalhekk, jemergi li biex omicidju volontarju jkun skuzabbli jinhtieg li l-persuna li tikkommettieh, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx fi stat li tqis l-eghmil taghha imhabba li tkun <u>taht l-influwenza immedjata</u> (i) ta' passjoni istantanja, jew (ii) ta' agitazzjoni tal-mohh. Sija fil-kaz ta' passjoni istantanja u sija fil-kaz ta' agitazzjoni tal-mohh, jibqa' dejjem mehtieg li l-persuna li toqtol tkun taht l-**

**influwenza immedjata ta' wiehed jew l-iehor minn dawn l-istati mentali;**

**Dan l-istat mentali ta' l-akkuzat jista' jkun dovut, ghalkemm mhux necessarjament, ghall-provokazzjoni, u jinghad 'jista' jkun' il-ghaliex mhux impossibbli l-kaz ta' persuna taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh bla ma jkun hemm l-ebda provokazzjoni, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-infanticidju…."**

Dik l-istess sentenza mbaghad tkompli tghid:

**"Kif diga` rilevat, biex iservu ta' attenwant ghal akkuza ta' omicidju volontarju, kemm il-passjoni istantanja u kemm l-agitazzjoni tal-mohh, li taht l-influwenza taghhom persuna tagixxi, iridu jkunu tali li mhabba fihom dik il-persuna, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-eghmil taghha. U f'dan ir-rigward il-ligi tghidilna (f'paragrafu separat taht l-inciz (c) ta' l-imsemmi artikolu 241) li <u>fil-kazijiet ta' provokazzjoni</u>, cioe` f'dawk il-kazijiet fejn ikun qieghed jigi nvokat l-attenwant tal-provokazzjoni li tkun ipproduciet passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, biex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu jinhtieg illi fil-fatt l-omicidju jkun sar imhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, <u>komunement</u> iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt".**

Din il-Qorti ezaminat il-partijiet rilevanti ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri fejn giet ittrattata din id-difiza ta' l-appellant u jirrizultalha li d-distinzjoni netta bejn l-ewwel parti tal-paragrafu (c) ta' l-artikolu 227 u t-tieni parti ma saritx. Huwa minnu li meta beda jittratta din il-kwistjoni l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal hekk:

"Mela hawn hekk ghandna diversi cirkostanzi, li rridu nanalizzawhom. L-influwenza immedjata ta' passjoni

istantaneja. Inhakem minn sentiment qawwi dan li ma setax jikkontrollah li geghlu jaghmel dak li ma kienx mahsub li kellu jaghmel. U din ir-reazzjoni ta' go fih, ta' l-ispirtu tieghu, kienet tant kbira li ma setax jikkontrollaha u minhabba fiha, din il-passjoni, rabja, din l-agitazzjoni tal-mohh, ma setax iqis l-ghemil tieghu dak il-hin. Inoltre, jekk qed tipprospetta d-difiza li dan kien provokat issa, mhux iktar attakkat, imma dak li ghamel Rizzo gie provokat dan u ha ghalih u rrabja ghax issuggerielu li jaghmlu dik l-operazzjoni mhux kif haseb li kellha ssir …."

Imbaghad kompla l-indirizz billi ttratta l-element ta' provokazzjoni  u, qabel ma ghadda biex elenka l-argumenti tal-prosekuzzjoni dwar din il-materja, ikkonkluda:

"Allura tghidu issa, jekk bniedem normali jkun f'dik is-sitwazzjoni, mar ghal hekk u dan talbu jaghmel xi haga ohra, kellha tigih din id-dalma, kellu jintilef b'dan il-mod? Kellu jigi f'sitwazzjoni li ma jafx x'qed jaghmel kieku kien normali bhan-nies normali? Kellu jigrilu hekk? Jekk fuq bazi ta' probabilta` thossu li kellu jigrilu hekk u seta' gralu hekk, dejjem fuq bazi ta' probabbli, allura tilqghu din l-eccezzjoni ta' din id-difiza li tiddependi fuq il-passjoni istantaneja jew ghaliex kien hemm din l-agitazzjoni tal-mohh jew inkella ghax kien hemm xi tip ta' provokazzjoni li setghet ipproduciet din ir-reazzjoni, sinjuri gurati."

U aktar 'il quddiem, meta kien qieghed jirreferi ghall-verdett kampjun, u specifikatament ghan-numru sitta (6) dwar l-Ewwel Kap, qal:

"Issa nigu ghas-6. Is-6 niftakar kellna d-difiza tal-*furia di sangue*. Ta' min jintilef u jitlef il-kontroll u ghal mument ma jarax x'qed jaghmel. Hemm hekk issibu lil Aimen Said Giali El Baden hati, ghax ikun ghamlu l-omicidju taht l-Ewwel Kap pero` bic-cirkostanza li dan id-delitt sar meta hu kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma setax iqis l-ghemil tieghu. Infakkarkom ukoll li fil-waqt tas-self-defence inthom tridu tpoggu ruhkom fl-istat mentali ta' l-akkuzat, fil-kaz ta' dan it-tip ta'

reat u l-iehor li hemm tahtu, tal-provokazzjoni, jekk wiehed jinterpreta l-ligi kif qed ninterpretaha jien, irid ikun hemm it-test oggettiv, dika li l-bierah semmejna t-temperament ordinarju ta' bniedem komuni. Jigifieri mhux ghax wiehed ifettillu jizbel ghal xejn b'xejn minghajr raguni ta' xejn allura jghaddieha lixxa jew inaqqas mill-htija. Hawn hekk jidhol it-test u tghid imma bniedem normali kellu jirreagixxi b'dan il-mod u allura jidhol dan it-test."

Minn hawn jidher car li l-ewwel Qorti kienet qed tinterpreta l-artikolu 227(c) kollu bhala soggett ghal test oggettiv meta tali test kien rikjest unikament ghall-kazijiet ta' provokazzjoni. Fil-bran appena citat l-ewwel Qorti ghamlet referenza wkoll ghall-verdett kampjun sussegwenti. Irid jinghad ghall-korrettezza li l-verdett kampjun numru sebgha (7) - riferibilment dejjem ghall-Ewwel Kap - jirrigwarda l-paragrafu (a) ta' l-artikolu 227, cioe` fejn omicidju volontarju huwa skuzabbli meta jkun ipprovokat b'offiza gravi fuq il-persuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna meta dan id-delitt ikun suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija. Minn ezami tal-verdett kampjun numru sebgha (7) jirrizulta li l-ewwel Qorti erronejament siltet parti mit-tieni paragrafu tal-paragrafu (c) ta' l-istess artikolu 227 ("b'dan ukoll illi l-omicidju sar minhabba sahna tad-demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul ta' qtil ta' persuna, u illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu il-konsegwenzi tad-delitt") meta din is-silta tirreferi biss ghall-imsemmi paragrafu (c) u mhux ukoll ghall-paragrafu (a): li kien applikabbli ghall-paragrafu (a) ta' l-artikolu 227 kien l-artikolu 235.

Ghalhekk minn dan kollu jidher li l-espozizzjoni tal-ligi li saret mill-ewwel Qorti ma kenitx wahda ghal kollox korretta. Izda b'daqshekk jista' jinghad li saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja?

L-ewwel nett irid jinghad li fil-kazijiet prospettati taht il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 227 qabel ma gie emendat, sija f'kazijiet fejn l-omicidju volontarju sehh minhabba

provokazzjoni sija fejn ma kienx hemm provokazzjoni, il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni fil-piena.

Barra minn hekk din il-Qorti semghet it-tape tar-registrazzjoni tad-difiza li saret mill-abbli difensur ta' l-appellant waqt il-guri fejn dan irrefera ghaz-zewg sitwazzjonijiet rizultanti mill-paragrafu (c) ta' l-artikolu 227 u spjega li "l-*furia di sangue* tista' tigi ghaliex jien hekk fhimtha u tista' tigi ghaliex xi hadd ipprovokani" u li "mhux necessarjament tigi ghaliex kien hemm azzjoni minghand xi hadd iehor, ghax kien hemm provokazzjoni, imma tista' tkun rizultat ta' passjoni istantaneja - dak il-hin zbilt, ghax fhimt hekk - jew agitazzjoni tal-mohh - gietni dalma, hekk gieni f'mohhi dak il-hin, intlift". L-enfazi li saret mid-difiza waqt is-sottomissjonjiet taghha pero` kienet fuq l-aspett ta' provokazzjoni. Difatti gabet sensiela ta' ezempji ta' provokazzjoni u r-reazzjoni li tkun mistennija minn "nies ta' temperament ordinarju" u finalment stiednet lill-gurati biex jaghmlu din il-konsiderazzjoni:

"Issa intom sa fejn naf jien intom nies ordinarji. <u>U allura tridu taraw intom … kif f'cirkostanzi bhal dawn kontu tirreagixxu, jekk naturalment il-bazi dejjem hu li temmnu l-akkuzat li gara dak illi gara,</u> <u>biex taraw</u>, jekk teskludu l-legittima difiza, <u>taraw jekk setax kien hemm din ic-cirkostanza</u> u, bhal fil-kaz tal-legittima difiza, jekk id-difiza tqajjem din il-kwistjoni huwa bizzejjed ghad-difiza illi din tipprospettaha fuq bazi ta' probabilita`" (sottolinear tal-Qorti).

Dak li l-ewwel Qorti stiednet lill-gurati li jaghmlu b'riferenza ghall-verdett kampjun numru sitta (6) dwar l-Ewwel Kap kien ghalhekk <u>precizament</u> dak li d-difiza kienet stednithom li jaghmlu, u ma ghandux ghalfejn ghalhekk l-appellant issa jilmenta li kien hemm amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

U jekk mill-provi seta' jirrizulta lill-gurati li l-appellant ma kienx taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh dovuta ghal provokazzjoni (kif del resto din il-Qorti hi soddisfatta li seta' jirrizulta), *multo*

*magis* ma jistax jinghad li saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

(1b) Fit-tieni parti ta' l-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghadda in rassenja l-provi, u dan specjalment b'referenza ghall-Ewwel Kap, fir-rigward tax-xiehda tal-appellant kontinwament ta l-opinjoni tieghu b'mod illi l-gurati nghataw x'jifhmu illi dak li qal l-appellant fuq il-pedana tax-xhieda m'ghandux jigi emmnut f'dak li seta' jagevola lill-appellant, u dan ghalhekk fil-kumpless tieghu seta' kien ta' portata tali illi seta' wassal ghal amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** (para. D15.16, p.1448) naqraw:

**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)."**

Simon Brown, L.J. qal f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif citat f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** (p. 464 para. 4-376):

**"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."**

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta' l-indirizz jirrizulta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghamilha cara mill-ewwel x'kienet il-funzjoni tal-gurati. Il-battuta inizjali kienet proprju s-segwenti:

"Sinjuri imhallfin - mhux bi zball qed nghidilkom hekk illum, sinjuri imhallfin tal-fatti. Wasalna fl-ahhar ta' dan il-process. Fadlilna l-ahhar zewg stadji biss, li huma l-istadju tal-indirizz mill-imhallef togat lill-imhallfin tal-fatti, u mbaghad id-decizjoni li jridu jaghmlu l-imhallfin tal-fatti wehidhom, minghajr ma jindahlilhom hadd".

U spjegalhom:

"dak li ghidt jiena u dak li qalu z-zewg avukati ma jorbotkom b'ebda mod. Jista' jghinkom biex taslu ghad-decizjoni, pero` ma ghandkomx tistriehu la fuq dak li nghid jiena, u li ghad fadalli nghid - u ghad fadalli hafna xi nghid - la fuq dak li diga` ghidt jiena, la fuq xi domandi li staqsejt jiena, tridu taraw ir-risposta kif kienet u mhux id-domanda tieghi, dak l-importanti …"

Enfasizza wkoll:

"jigifieri jekk jiena  meta nipprospettalkom certi domandi aktar 'il quddiem li tridu taghmlu lilkom infuskom, dak huwa biss suggeriment u mod kif intom tridu timxu, halli tibdew teliminaw il-possibiltajiet jekk u hemm hafna possibiltajiet f'hafna affarijiet, mhux b'mod kif jiena nkun qed inpoggi l-affarijiet f'halqkom biex intom tiddeciedu hekk - ifhmuha tajjeb dina sinjuri gurati.

Mela meta nghidilkom araw jekk hux hekk, jew araw jekk hux hekk, inkun verament qed nistaqsikom biex taraw u mhux qed nghidilkom li hu hekk. U dina tridu tifhmuha, biex nghid x'nghid jiena, u liema enfasi ser nitfa' jiena, intom lilkom tafu li ma torbotkomx, hija semplicement illustrazzjoni kif intom tridu taghmlu l-process mentali."

Meta rrefera ghall-verzjonijiet differenti li kien ta l-appellant, indirizza lill-gurati hekk:

"U allura kulhadd bir-ragun, u intom ukoll tridu tistaqsu lilkom infuskom ghax minn hemm trid titlaq qabel ma tara d-difizi x'inhuma, ghaliex imbaghad id-difizi trid tinkwadrahom skond il-verzjoni li inti ser tahdem fuqha. U hawn ghandkom id-decizjoni principali kif ilni nghid u ghidt dal-ghodu u semmejtilkom ukoll qabel il-weekend l-ahhar darba fuq x'hiex tridu tikkoncentraw u tahsbu ghal raskom u timmeditaw, hija l-ikbar decizjoni li trid tittiehed. Minn hemm trid titlaq. Jien, minn dan kollu li qal l-akkuzat, fuq x'hiex ser noqghod?"

U kkonkluda l-indirizz hekk:

"Jien nerga' nghidilkom, id-decizjoni fuq fatti hija taghkom biss, ma ghandu jinfluwenzakom xejn hlief il-provi li smajtu u l-provi biss li smajtu u dak li ghidt jien ma hux prova u dak li qalu l-avukati ma hux prova. Araw xi provi jkun hawn, qisuhom bir-regoli li tridu intom, pero` jien spjegajtilkom hemm regoli kif inti tisma' u tevalwa l-provi, uzaw l-esperjenza kollettiva taghkom u bl-ghajnuna ta' Alla ghandkom taslu ghal verdett li jaghmel gustizzja, kemm ghall-vittma tar-reat u kif ukoll ma' l-akkuzat".

Dak li ntqal fl-indirizz ghalhekk irid jitqies li ntqal fid-dawl ta' dawn l-avvertimenti u ohrajn li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghamel lill-gurati tul il-perkors ta' l-indirizz. Fl-ebda istanza ma cahhadhom jew nehhielhom id-dritt li jiddeciedu huma fuq il-fatti. Ghalhekk, u fid-dawl tal-brani citati mill-**Blackstone** u mill-**Archbold** li din il-Qorti tikkondividi u fid-dawl ukoll tal-gurisprudenza ta' din il-Qorti li abraccjat dan l-insenjament[1], dan l-ilment huwa michud.

(2) Skond it-tieni aggravju ta' l-appellant, il-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex setghu jaslu ghall-htija skond l-Ewwel Kap ta' l-att ta' akkuza. Jispjega li ghalkemm hu minnu li l-gurati kellhom quddiemhom verzjonijiet differenti mill-istess appellant ta' kif graw l-affarijiet, il-verzjoni li hu ta fuq il-pedana tax-xhieda ta' kif graw fir-realta` l-affarijiet giet injorata ghal kollox u dan nonostante illi din il-verzjoni taqbel mac-cirkostanzi illi rrizultaw mix-xiehda tal-esperti, filwaqt illi l-verzjoni li kien ta fl-istqarrijiet tieghu lill-pulizija ma taqbilx mac-cirkostanzi stabbiliti mill-esperti. Ighid li fl-aghar ipotesi l-gurati kellhom jaslu ghall-konkluzjoni li huwa hati ta' ferita gravi segwita bil-mewt bl-iskuzanti tal-passjoni istantaneja jew tal-agitazzjoni tal-mohh, u dan wara li jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet:

"Illi fil-fatt, mill-provi rrizulta illi:

---

[1] Ara Appelli Kriminali: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ronald Vella**, 24 ta' Settembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Vella**, 17 ta' Lulju 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **The Republic of Malta vs Steven John Caddick et**, 6 ta' Marzu 2003.

i) fuq il-persuna tal-mejjet kien hemm diversi feriti permezz ta' strument li jaqta' li hafna minnhom kienu ta' natura superficjali;

ii) il-feriti kienu kollha ikkoncentrati fil-parti ta' fuq tas-sider ta' Rizzo, hlief wahda li kienet qrib l-ghonq, izda li kollha saru meta l-esponent kien faccata ta' Rizzo;

iii) fuq il-pali ta' idejn Rizzo kien hemm "defensive wounds" li pero' ma kien fihom l-ebda titqib izda biss sinjali li juru li Rizzo ipprova jiehu l-istrument f'idejh;

iv) ghalkemm skond l-espert Dr. Scerri id-daqqiet ma setghux saru bl-istrument esebit, skond l-espert Dr. Bridgette Ellul, id-daqqiet probabbilment saru bl-istrument esebit jew bi strument bhal dak esebit;

v) l-istrument esebit hu l-uniku strument li jaqta' li gie mtella mill-bahar flimkien mal-oggetti l-ohra relevanti ghal dan il-kaz;

vi) it-tizlig ta' demm fl-art fil-hanut tax-xaghar fejn gara l-incident u l-feriti fuq Rizzo juru li l-esponent u Rizzo kienu almenu ghal xi hin "engaged" bil-wieqfa wicc imb'wicc;

vii) il-mod kif l-espert il-Profs. Galea spjega li saret il-gidma li kien hemm fuq driegh Rizzo mhux probabbli li saret bil-mod kif qal l-istess l-espert il-Profs. Galea, u cioe` illi saret minn Rizzo stess, u dan ghax hu mill-aktar improbabbli, jekk mhux addiritura mpossibbli, li wiehed jista' jigdem lilu nniffsu f'dak il-post. Mill-banda l-ohra din il-gidma hu aktar probabbli li saret bil-mod kif qal l-esponent, u cioe` li dik il-gidma ghamilha hu.

viii) l-uniku mod kif setghet saret il-gidma fuq is-subgha tal-esponent, kif ikkonferma l-espert il-Profs. Galea, setghet saret biss filwaqt li l-esponent kien qed jipprova jbieghed lil Rizzo minnu;

ix) ghalkemm fl-ewwel stqarrija tieghu lill-Pulizija l-esponent kien qal illi l-iskop tal-omicidju kien li jisraq lil Rizzo, ma rrizulta li sar ebda serq jew tqallib li juri skop ta' serq;

x) l-uniku serq li seta' kien hemm kien dak tal-qalziet ta' Rizzo illi l-esponent libes minflok il-qalziet tieghu li halla fil-hanut (jekk dan jista' jissejjah serq) u li fih sussegentement instabu xi affarijiet, li hlief ghall flus, intremew fil-bahar.

Illi minn dawn il-fatti johrog illi:

i) Kieku l-esponent kellu intenzjoni omicida kien jipprova jehles mill-ewwel dan billi jikkoncentra fuq partijiet fejn hemm organi vitali tal-gisem u mhux jaghti mas-sbatax-il daqqa li kwazi kollha huma ta' natura superficjali u b'direzzjonijiet differenti.

ii) Il-provi juru li kien hemm xi forma ta' glieda. Dan johrog mill-fatt illi parti mill-feriti saru meta l-esponent u Rizzo kienu bilwieqfa wicc imb'wicc. Dan jikkontradici dak li qal l-esponent fl-ewwel stqarrija tieghu.

iii) Illi c-cirkostanzi stabbiliti juru illi meta l-esponent mar fil-hanut ma' Rizzo l-iskop kien dak illi jaghmel certu tip ta' att sesswali mal-istess Rizzo biex dan jaghtih Lm20, izda fil-fatt Rizzo ried jaghmel att sesswali differenti li l-esponent irrifjuta. Meta Rizzo ried jikkonstringih u beda jzomm mieghu lill-esponent, dan iddefenda ruhu bl-uniku haga illi kellu ghad-dispozizzjoni tieghu, u cioe' il-mus illi kellu fil-but ta' wara, u li kien tah ftit qabel siehbu biex jiddefendi ruhu minn xi Libjani ohra.

iv) Illi f'cirkostanzi bhal dawn mhux facli ghal min ikun irid jiggudika izda li ma jkunx ghadda minn esperjenza bhal dik illi jifhem sewwa dak li seta' ghadda minn mohh guvni ta' 17 il-sena bhal ma kien l-esponent, f'dawk il-mumenti u f'sitwazzjoni bhal din, fejn hi rilevanti hafna l-espressjoni li qal l-esponent fix-xiehda tieghu meta qal li ra dalma.

v) Jekk l-iskop tal-omicidju kien is-serq (mottiv illi lanqas biss gie addebitat lill-akkuzat fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza) kif jista' jigi logikament spjegat illi wara li l-esponent kien lahaq l-iskop sekondarju tieghu, dak tal-omicidju, ma wettaqx l-iskop principali tieghu, dak tas-serq, jew almenu li jipprova jqalleb biex jara x'jista' jsib, jew jisraq dak li seta' facilment jinsteraq bhal ma kien l-arlogg tad-deheb li kien hemm f'idejn Rizzo, u dan meta ma kien hemm hadd u xejn li seta' jtellfu?

vi) Jista' logikament jinghad illi l-iskop tal-akkuzat kien sempliciment dak li joqtol lil Rizzo minghajr ebda mottiv? Jew kellu ragun l-Ass. Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien, illum il-Kummissarju John Rizzo, illi minn dak li ra fil-post wasal ghal konkluzjoni li dak li gara kellu x'jaqsam ma' relazzjonijiet sesswali? U jekk allura dan hu l-kaz, joqghodx ezatt dak li xehed l-esponent waqt il-guri illi dak li gara sehh wara li Alfie Rizzo ried li jaghmel tip ta' att sesswali mal-esponent li dan ma riedx? U ghalhekk f'cirkostanzi bhal dawn, hix probabbli illi gara ezattament dak li ddeskriva l-esponent fix-xiehda tieghu waqt il-guri?

vii) Illi m'hemmx dubbju illi skond il-ligi, wiehed hu intitolat li jiddefendi l-kastita` tieghu u dan b'dawk il-mezzi li jkollu ghad-disposizzjoni tieghu dak il-hin.

viii) Illi kif gie ritenut anke l-akbar prostituta ghandha d-dritt li twaqqaf att sesswali ma' xi hadd allavolja din tkun accettat li jkollha relazzjonijiet sesswali ma' dak ix-xi hadd.

ix) Illi f'cirkostanzi bhal dawn, wiehed irid jikkonsidra dak li jkun gara mhux mill-punto di vista oggettiv, izda mill-punto di vista soggettiv ta' dak li jkun waqt li jkun qed jigri l-attakk.

x) Illi dan kollu juri mhux biss illi l-esponent ma kellux intenzjoni li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Rizzo f'periklu car, izda wkoll li dak li ghamel l-esponent kien biex jiddefendi ruhu kontra l-attakk fuq il-kastita` tieghu.

xi) Illi l-esponent minbarra l-legittima difesa tieghu, minghajr eccess jew bl-eccess, ipprospetta wkoll l-iskuzanti ta' meta d-delitt isir minn persuna filwaqt li tkun taht l-influenza immedjata ta' passjoni instantaneja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-ghemil taghha u kif ukoll l-iskuzanti ta meta l-eccess fil-legittima difesa ikun sar minhabba li l-akkuzat ikun inhasad, beza' jew twerwer.

xii) Illi madankollu, jidher car illi l-gurati waslu ghal konkluzjoni taghhom billi qaghdu fuq dak li qal l-esponent fl-istqarnijiet tieghu lill-Pulizija, anke jekk dak li hemm f'dawn l-istqarrijiet ma jaqbilx mac-cirkostanzi li rrizultaw mill-provi. Dan ifisser illi l-gurati skartaw dak kollu li qal l-esponent fix-xiehda tieghu waqt il-guri. Izda jekk dak li qal l-esponent fix-xiehda tieghu waqt il-guri jaqbel mac-cirkostanzi li gew stabbiliti, kienu ragonevolment intitolati l-gurati li jiskartaw ix-xiehda tal-esponent waqt il-guri? Jew f'dawn ic-cirkostanzi dawn kellhom jaghtuh il-beneficcju tad-dubbju ragonevoIi? Jidher car illi l-gurati ma taw l-ebda kunsiderazzjoni mhux biss tal-eta` tal-akkuzat izda lanqas tal-fattur tal-hin meta ittiehdet l-ewwel stqarrija bil-miktub tal-esponent u tal-fatt illi f'dak il-hin l-esponent kien liebes biss "J-Suite" u kien hafi.

xiii) Illi effettivament dak illi verament gara f'dawk il-ftit minuti li fihom gara dan l-incident jista' jghidu biss l-esponent. Hu veru illi peress illi l-esponent hu l--akkuzat, kull haga li jkun stqarr tista' tittiehed bhala prova sakemm jigi ppruvat illi dak li jkun qal ma jkunx gie mgieghel jghidu jew sakemm ma jkunx qalu minhabba f'xi haga ohra illi l-ligi tghid li m'ghandhiex issir. Imma bl--istess mod illi dak li jkun stqarr akkuzat favurih izda li ma jkunx jaqbel mac-cirkustanzi xorta wahda ma jigix emmnut, dak li jkun stqarr akkuzat kontra tieghu stess izda li ma jkunx jaqbel mac-cirkostanzi, ukoll m'ghandux jinghata kredibilita`, specjalment meta l-akkuzat jaghti spjegazzjoni illi tkun taqbel mac-cirkostanzi illi jkunu gew ppruvati.

xiv) Illi fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, jidher illi l-gurati ghalqu ghajnejhom ghax-xiehda tal-akkuzat waqt il-guri ghax hu stess ammetta illi meta kien xehed quddiem il-Magistrat Inkwerenti dan ma qallux il-verita` meta pprova jinqata’ minn mal-incident. Imma dan ifisser illi dak li qal l-esponent fl-istqarrijiet lill-Pulizija hu l-verita`?

xv) Illi kieku dak li xehed l-esponent waqt il-guri kien merut mic-cirkostazi ppruvati, allura l-gurati kien ikollhom ragonevolment id-dritt li jiskartaw ix-xiehda illi l-esponent ta quddiemhom. Imma, kif diga nghad, dak illi xehed lesponent waqt il-guri hu korroborat mic-cirkustanzi ppruvati.

xvi) Illi kieku l-gurati emmnu lill-esponent fix-xiehda tieghu waqt il-guri dwar kif verament graw il-fatti, tibqa’ l-kwistjoni dwar jekk l-esponent kienx intitolat jiddefendi ruhu bil-mod li ddefenda ruhu. U hawnhekk it-test li jrid jigi applikat hu dak soggettiv fic-cirkostanzi tal-kaz.

xvii) Imma anke jekk wiehed jasal ghal konkluzjoni li f’dan il-kaz ma jirrikorrux il-kundizzjonijiet tal-legittima difiza, certament illi jirrikorru l-kundizzjonijiet ghall-iskuzanti tal-passjoni istantaneja jew l-agitazzjoni tal-mohh."

Bhalma gie kostantement ritenut, f'dan il-kamp delikat ta' apprezzament tal-provi rrizervat ghall-gurati fil-kors tal-guri, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li huma ghamlu, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk huma setghu legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghalih hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet *"properly directed"*, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragjonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx.

Issa minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw liema mill-verzjonijiet li ta l-appellant setghu jaghtuha affidament. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni ta' l-akkuzat li huwa kien qieghed semplicement iwiegeb jew jirreagixxi ghal xi aggressjoni jew provokazzjoni da parti tal-vittma.

M'hemmx dubju li s-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant kemm waqt il-guri kif ukoll f'dan l-stadju, kemm individwalment u anke kumulattivament huma ta' sustanza u ghandhom valur argumentattiv qawwi. Pero` l-Qorti tara li l-punt krucjali f'dan il-kaz kien u jibqa' l-istess, u cioe` jekk jinghatax affidament lill-verzjoni ta' l-appellant meta ghamel l-istqarrija tieghu lill-Pulizija jew jekk titwemminx il-verzjoni li huwa ta meta xehed waqt il-guri dwar kif sehhew l-affarijiet.

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda, l-istqarrijiet ta' l-appellant u d-dokumenti l-ohra esibiti, u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet li saru fir-rigward tad-difizi li l-appellant qajjem, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Bhala fatt jirrizulta bla dubju ta' xejn li fl-4 ta' Frar 1998 Alfie Rizzo nqatel b'diversi daqqiet ta' sikkina fil-hanut tax-xaghar li kien jiggestixxi fil-Gzira.

2. L-appellant ammetta li kien hu li qatel lil Alfie Rizzo. Dan ghamlu kemm fl-istqarrija tieghu li ghamel lill-pulizija fis-16 ta' Frar 1998 kif ukoll meta xehed waqt il-guri.

3. Il-verzjonijiet li l-appellant ta dwar ic-cirkostanzi li waslu ghall-qtil huma differenti. Fil-verzjoni li ta fl-istqarrija jghid li l-iskop kien biex jisraq il-flus. Fil-kors tal-guri, permezz tax-xiehda tieghu fejn, *inter alia*, cahad il-movent li kien semma fl-istqarrija u spjega cirkostanzi differenti minn

dawk li kien originarjament semma, u permezz tad-difensur tieghu, l-appellant ipprospetta diversi linji ta' difiza:

a) li ma kellu ebda intenzjoni joqtol lil Rizzo,
b) li hu agixxa in legittima difesa,
c) li jekk ma jigix accettat li agixxa in legittima difesa, sew minghajr eccess kif ukoll bl-eccess, ghandu jirrizulta l-iskuzanti taht l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali jew l-iskuzanti taht il-proviso ta' l-artikolu 227(d),
d) fl-aghar ipotesi, kellu jinstab hati biss ta' ferita gravi segwita bil-mewt bl-iskuzanti tal-passjoni istantaneja jew tal-agitazzjoni tal-mohh.

4. Huwa evidenti li l-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda magistralment kondotti mill-prosekuzzjoni u d-difiza, wara sensiela anke ta' konfronti bejn l-appellant u diversi ufficjali tal-Pulizija, u wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), ikkonkludew <u>unanimament</u> li l-appellant huwa hati ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza kif dedott kontra tieghu.

5. Ma jistax jinghad li l-provi huma tali li jeskludu l-verzjoni li kien ta l-appellant lill-Pulizija. Din il-Qorti tosserva:

a) Ghalkemm il-qtil ta' Alfie Rizzo sehh fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Frar 1998, l-appellant gie arrestat mill-Pulizija fl-14 ta' Frar 1998 u fis-16 ta' Frar 1998 - kwazi tnax-il gurnata wara l-akkadut - irrilaxxja stqarrija fejn ammetta li kien qatel lil Alfie Rizzo, indika l-movent u ma ta l-ebda indikazzjoni li qatlu biex jiddefendi lilu nnifsu jew b'rizultat ta' xi passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh.

b) Aktar tard fl-istess gurnata rrilaxxja stqarrija ohra fejn ikkonferma l-ewwel stqarrija u wera dubju biss dwar jekk is-sikkina, ossia mus, li kienet instabet fil-bahar fejn

huwa stess kien indika li tefaghha wara li kien ikkommetta d-delitt, kinitx l-istess wahda li kien uza biex joqtol lil Rizzo.

c) L-assistent kummissarju Michael Cassar xehed li, qabel ma saret l-ewwel stqarrija izda wara li l-appellant kien ammetta mieghu li kien qatel lil Rizzo, l-appellant esklama "Issa strihajt" u wera li l-preokkupazzjoni tieghu kienet li minhabba r-ritratti se jsiru jafu ommu u shabu.

d) P.C. 1152 Emanuel Saliba xehed li kmieni filghodu tas-16 ta' Frar 1998 (wara li l-appellant kien ghamel l-ewwel stqarrija) akkompanja lill-appellant ghal-*lock-up* tal-Belt flimkien ma' l-Ispettur Mario Bonnici u, sakemm l-Ispettur Bonnici dahal jaghmel l-arrangamenti ghac-celel, l-appellant spontanejament qal li issa kien strah. Wara li P.C. Saliba saqsieh biex kien strah, l-appellant wiegbu "Straht minabba li ghidtilhom il-verita` u li jiena kont li qtilt lil Alfie".

e) L-appellant stess meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, u ta verzjoni differenti minn dik li hemm fl-istqarrijiet, ikkonferma li dak li hemm fl-imsemmijin stqarrijiet tnizzel mill-Pulizija ghax qalulhom hu u mhux ghax gie ivvintat mill-Pulizija.

f) Louis Caruana, li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti biex jassistieh bhala interpretu waqt ix-xiehda ta' l-appellant, wasal fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija qabel il-Magistrat Inkwerenti u kien prezenti fl-istess ufficcju fejn l-appellant kien qieghed jaghmel it-tieni stqarrija tieghu. Huwa xehed li l-appellant kien kalm, bl-Ispettur Mario Spiteri ma' genbu bhala interpretu u l-interrogatorju kien ghaddej b'mod normali.

g) L-Ispettur Mario Spiteri xehed li l-appellant seta' jikkomunika sew bil-Malti u huwa kellu bzonn jittraduci biss xi frazi zghira. Indika li l-appellant kien ko-operattiv hafna.

h) Ahmed Ragiab Shaafi kien xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati waqt il-kumpilazzjoni u stqarr li l-appellant

stess kien qallu li kien qatel lil Alfie Rizzo ghall-flus, "anzi qalli kien jahseb illi ghandu l-flus, ghax ried imur lura l-Libja". In kontro-ezami rega' tenna li r-raguni li kien tah l-appellant kienet li "huwa ried jisraq lil Alfie biex jiehu l-flus tieghu biex ikun jista' jirritorna lura lejn il-Libja". Imbaghad ghall-osservazzjoni tad-difensur ta' l-appellant li dan ma setax ikun veru ghax il-procedura li kienet tintuza mill-Gvern Libjan kienet li kien possibbli li jitla' abbord il-vapur ghal-Libja u jhallas il-passagg fil-Libja, Shaafi wiegeb li "huma riedu l-flus mhux biss biex jirritornaw lura lejn il-Libja izda flus biex ikunu jistghu jaghtu lill-familja taghhom".

i) L-appellant ighid li jekk l-iskop ta' l-omicidju kien is-serq, kif allura wara li gie kommess l-omicidju ma wettaqx dak l-iskop principali tieghu billi almenu jipprova jqalleb biex jara x'jista' jsib? Huwa veru li l-appellant ma seraqx l-arlogg li kien liebes il-vittma u li ma kienx hemm sinjali ta' sgass fil-*cash register*, izda c-cavetta tal-*cash register* instabet mghawga.

j) L-appellant jinsisti li hu u l-vittma kienu ghal xi hin *"engaged"* wicc imb'wicc bil-wieqfa u li ghalhekk dan jikkontradici dak li kien qal fl-ewwel stqarrija tieghu. Issa filwaqt li mill-ezami nekrologiku ma gewx riskontrati feriti fuq dahar il-vittma, Dott. Bridget Ellul ma eskludietx li xi feriti setghu saru meta l-appellant kien wara l-vittma, indikat li setghu saru minn wara kif ukoll minn quddiem. Ta' l-istess opinjoni kien Dott. Mario Scerri li, pero`, xehed li kien hemm ferita wahda fuq wara li probabilment il-vittma qalaghha minn wara, u li xi feriti fl-ghonq setghu saru waqt li l-vittma kien qieghed idur biex jiffaccja l-aggressur tieghu. Inoltre, fuq domanda tal-Qorti jekk xi dbabar li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa kinux kompatibbli ma' pozizzjoni fejn l-aggressur kien qieghed *sitting astride* l-vittma, jigifieri l-vittma fl-art u l-aggressur fuqu *pinning him down* u bil-koxox tieghu mal-genb ta' gismu fuq naha u fuq ohra, Dott. Mario Scerri wiegeb li dawn kienu hekk kompatibbli.

k) Il-vittma kellu diversi feriti fuq idejh li gew deskritti mit-tobba bhala *defence type wounds*. Dott. Bridget Ellul

iddeskriviet dawn il-feriti bhala "feriti li jigu kagunati meta xi hadd jipprova jipprotegi lilu nnifsu u jmur jew jipprova jimbotta xi arma u idu tista' taqa' fuq l-arma u jsiru bl-istess arma".

6. Ghalhekk is-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jemmnux il-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri ghax hemm cirkostanzi u provi li huma ugwalment kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu.

7. Is-sitwazzjoni ma kkristallizzatx ruhha b'mod illi fuq bazi ta' probabilita` il-gurati kellhom ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti d-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni. Dana partikolarment ghaliex m'hemm xejn x'jindika li l-gurati ma setghux ragjonevolment hlief jaslu biex jemmnu dak li xehed l-appellant waqt il-guri u jiskartaw il-verzjoni l-ohra li kien ta huwa stess lill-Pulizija.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, u nonostante n-nuqqas fl-indirizz fuq riskontrat, din il-Qorti hi tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha daqs kemm setghu jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kien qieghed jirreagixxi ghal xi suggeriment jew avvanz li kien ghamillu l-vittma; u ghalhekk din il-Qorti, wara li regghet evalwat il-provi, hi tal-fehma li f'dan il-kaz ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja (art. 501(1) tal-Kap. 9).

Dwar id-difizi mqajma mill-appellant, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

B'riferenza ghad-difiza tal-legittima difiza, l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: "Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita` legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor". Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta’ semplici skuzanti – art. 227(d)), iridu jikkonkorru l-elementi kollha li dottrinalment huma

meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni. Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):

"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."

Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tat-23 ta' Gunju, 1978 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech**, wara li accennat ghall-kontroversja klassika bejn dawk li jghidu li jekk l-aggredit seta' jahrab kien tenut li jaghmel hekk u dawk li jghidu li l-aggredit ma ghandu qatt jirtira, kompliet hekk:

"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-principji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa** deciz fis-16 ta' Ottubru 2003, din il-Qorti, kif issa komposta, ziedet tghid hekk:

"li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, <u>ragjonevolment</u> jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk gara proprju dak li xehed l-appellant quddiem l-ewwel Qorti, ma kellux bzonn jirreagixxi kif irreagixxa peress li ma jirrizultax li kien qieghed jigi mizmum b'forza u lanqas li kien qieghed jigi b'xi mod aggredit. Skond dik il-verzjoni, Rizzo kien bil-qalziet ta' taht u hu (l-appellant) kien ghadu liebes u kien l-appellant, meta Rizzo beda jaqbdu u jbusu, li ssuggerixxa lil Rizzo li jnezzaghlu l-qalziet - haga li l-appellant jghid li Rizzo beda jaghmel. Il-bwon sens jiddetta li f'dak il-mument l-appellant seta' jallontana ruhu minn Rizzo u, galadarba c-cavetta kienet fil-bieb ta' barra, jiftah u jitlaq 'il barra. Ghalhekk, filwaqt li m'hemmx dubju li l-gurati kellhom l-opportunita` jaghrblu l-fatti kollha prospettati lilhom fi pjena liberta` biex jiddeciedu dwar din il-kwistjoni tal-legittima difiza, din il-Qorti zzid li l-provi kienu pjenament jiggustifikaw li huma jeskludu l-iskriminanti tal-legittima difiza.

Kwantu ghall-iskuzanti taht l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali, kif diga` gie osservat aktar 'il fuq, l-ewwel Qorti ma hargitx id-distinzjoni bejn passjoni istantaneja jew

agitazzjoni tal-mohh dovuta ghal provokazzjoni jew passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh mhux dovuta ghal provokazzjoni. Ciononostante l-verzjoni li ta l-appellant meta xehed quddiem l-ewwel Qorti ma turix li fil-mument li kkommetta d-delitt kien qieghed f'xi stat mentali ta' passjoni istantaneja jew ta' agitazzjoni tal-mohh dovuta ghal provokazzjoni da parti tal-vittma jew ghal xi raguni ohra.

Dwar is-suggeriment ta' l-appellant li fl-aghar ipotesi kellu jinstab hati biss ta' ferita gravi segwita bil-mewt bl-iskuzanti tal-passjoni istantaneja jew ta' l-agitazzjoni tal-mohh, din il-Qorti hi tal-fehma li min-natura ta' l-offizi l-gurati setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kellu l-intenzjoni specifika jew li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Rizzo f'periklu car.

Ghaldaqstant it-tieni aggravju huwa wkoll michud.

(3) It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid li l-piena inflitta fuqu hija gravuza ferm. Jghid li l-piena massima li seta' jehel kif misjub hati kienet tammonta ghal bejn ftit aktar minn seba' snin prigunerija u massimu ta' ftit anqas minn wiehed u tletin sena prigunerija. Il-piena inflitta fuqu tammonta ghal kwazi hamsa minn sitta (5/6) tal-piena massima illi ghaliha seta' jigi kkundannat u li meta wiehed iqis l-eta` tieghu, il-kondotta precedenti tieghu u sentenzi ricenti tal-Qorti Kriminali f'kazi ta' omicidju volontarju fejn il-massimu tal-piena kien il-prigunerija ghall-ghomor, il-pieni moghtija kienu jammontaw ghal inqas minn dik inflitta fuq l-appellant.

Huwa minnu li meta gara dan il-kaz l-appellant kellu sbatax-il sena u li l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghal tnaqqis bi grad jew tnejn f'kaz ta' sejbien ta' htija. Issa fil-kaz in ezami l-appellant instab hati unanimament ta' l-ewwel kap ta' l-att tal-akkuza, akkuza din li ggorr maghha l-piena ghall-ghomor. It-tnaqqis bi grad ifisser li l-piena li tista' tigi inflitta hija bejn tmien snin u tletin sena filwaqt li t-tnaqqis b'zewg gradi jfisser li l-piena li tista' tigi inflitta hija bejn seba' snin u ghoxrin sena. Il-piena ghat-tieni akkuza li dwarha nstab hati, cioe` serq aggravat bil-hin hija dik ta'

bejn seba' xhur u sentejn. Il-piena ghat-tielet akkuza hi ta' multa ta' mhux aktar minn hamsin liri (Lm50) jew prigunerija ta' mhux aktar min tliet xhur. A tenur ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali "persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta` persunali, tigi kkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien b'dan li z-zmien li jinghata ma jiskorrix hamsa u tletin sena."

Il-piena inflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi, giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti, u specifikatament ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment li fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati l-appellant ma kienx ghadu ghalaq l-eta` ta' tmintax-il sena, il-fedina penali netta ta' l-appellant, il-fatt li l-verdett kien wiehed unanimu u l-gravita` tal-kaz. Inoltre l-piena ma gietx inflitta fil-massimu taghha. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Aimen Said Giali El Baden** moghtija fl-14 ta' Mejju 2002, b'dan li l-perijodu ta' xahrejn ghall-hlas tas-somma ta' elf mija tmienja u disghin liri u sbatax-il centezmu (Lm1198.17) rapprezentanti nofs l-ispejjez kollha tal-perizji inkorsi tul il-kompilazzjoni li ghadda l-appellant ma' ko-akkuzat iehor, jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------